

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12840/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0259 (COD)**

CULT 108
JEUN 207
TOUR 29
CULT HERIT 23
CDR 203
CES 14
EEE 15
AELE 70
SOC 589
ECOFIN 1164
COMPET 1050
ENV 1054
EDUC 365
SUSTDEV 69
CODEC 1640

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 455 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li ġġedded azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2034 sal-2047 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 455 final.

Mehmuż: COM(2026) 455 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
COM(2026) 455 final

2026/0259 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li ġġedded azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2034 sal-
2047 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura (ECOC) inħolqu fl-1985 bħala inizzjattiva intergovernattiva. Fl-1999, dawn ġew trasformati uffiċjalment f'azzjoni tal-Unjoni Ewropea sabiex l-inizzjattiva ssir aktar effettiva. Ġew stabbiliti kriterji u proċeduri tal-għażla ġodda, tfasslet lista kronoloġika tal-Istati Membri li tindika l-ordni li fiha kienu intitolati jospitaw "it-titlu", u nholq bord Ewropew ta' esperti indipendenti sabiex jivvaluta l-applikazzjonijiet (id-Deċiżjoni 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità għall-avveniment Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019¹).

Ir-regoli ġew imġedda għall-ewwel darba fl-2006 sabiex tiġi żviluppata aktar l-effettività tal-inizzjattiva billi tiġi stimulata l-kompetizzjoni bejn il-bliet u titrawwem il-kwalità tal-offerti. Dawn ir-regoli l-ġodda introduċew ukoll diversi miżuri biex jakkumpanjaw lill-bliet fit-tħejjijiet tagħhom, inkluż proċess ta' monitoraġġ (id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019²). Il-bażi legali attwali (id-Deċiżjoni 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³) ġiet adottata fl-2014.

Id-Deċiżjoni 445/2014/UE se tintemm fl-2033. Il-kompetizzjoni għat-titlu bħalissa titnieda sitt snin minn qabel sabiex il-bliet jingħataw biżżejjed żmien għat-tħejjijiet tagħhom qabel il-bidu tas-sena tat-titlu. Għalhekk, il-bażi legali l-ġdida għall-kontinwazzjoni tal-ECOC għandha tiġi adottata fl-2027 sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel fl-2034. Dan il-qafas legali l-ġdid għandu l-għan li jiggarrantixxi li l-inizzjattiva tibqa' rilevanti, filwaqt li jqis il-ħtieġa għal miżuri ta' simplifikazzjoni.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika

L-inizzjattiva hija konsistenti mal-impenn politiku kondiviż għall-protezzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-kultura fl-Ewropa, stabbilit fid-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura – il-Kultura għall-Ewropa" tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u mal-**Boxxla għall-Kultura għall-Ewropa**⁴.

Hija allinjata ma' inizzjattivi Ewropej bħall-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**⁵ u hija konformi mal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, li tagħha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma partijiet, u mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma ta' Marzu 2017, fejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE kellhom il-viżjoni ta' Unjoni "fejn iċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp kulturali u soċjali u għat-tkabbir ekonomiku [...]; Unjoni li tippreserva l-wirt kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali". Hija allinjata mal-Aġenda strateġika 2024-2029 tal-Kunsill, li timpenja ruħha għall-promozzjoni tad-diversità kulturali u tal-wirt kulturali tal-UE⁶.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-inizzjattiva hija allinjata mal-prijoritajiet ta' politika ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024-2029, inklużi 1) nappoġġaw lin-nies, insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna; 2)

¹ OJ L 166, 1.7.1999, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1999/1419/oj>.

² OJ L 304, 3.11.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2006/1622/oj>.

³ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445(1)/oj)).

⁴ [Boxxla Kulturali għall-Ewropa - COM\(2025\) 785](#).

⁵ [Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida - mill-viżjoni għall-implimentazzjoni - COM \(2025\) 1026](#).

⁶ [Aġenda Strateġika 2024–2029 tal-Kunsill](#).

nipproteġu d-demokrazija tagħna, inħarsu l-valuri tagħna; 3) il-prospertà u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa; u (4) Ewropa globali.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi legali

L-ECOC huma bbażati fuq l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 167(1) jagħti lill-UE l-mandat li “tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta il-wirt kulturali komuni”. L-Unjoni għandha wkoll tinkoraġġixxi “il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri” fil-qasam tal-kultura u, “jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom” f’konformità mal-Artikolu 167(2).

• Sussidjarjetà/ Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-livell ewlieni ta’ azzjoni għall-implimentazzjoni tal-ECOC jibqa’ fil-livell lokali u nazzjonali. Madankollu, l-evalwazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika wrew li l-Unjoni għandha rwol kruċjali fil-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri biex tiżgura l-applikazzjoni ta’ kriterji komuni, ċari u trasparenti, speċjalment fir-rigward tal-proċeduri tal-għażla u tal-monitoraġġ għall-ECOC. L-Unjoni tappoġġa wkoll it-tħejjija tal-bliet magħżula permezz tar-rakkomandazzjonijiet tal-bord Ewropew ta’ esperti, l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-bliet, u kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma tal-Premju Melina Mercouri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

• Evalwazzjoni interim tal-leġislazzjoni eżistenti

Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq il-proposta għall-ECOC wara l-2033 kienet ibbażata fuq firxa wiesgħa ta’ kontributi.

Bejn l-2024 u l-2025, twettqet l-ewwel evalwazzjoni interim tal-Azzjoni “Kapitali Ewropej tal-Kultura” għall-perjodu 2020–2033⁷. Filwaqt li kopriet il-bliet li kellhom it-titlu tal-ECOC bejn l-2013 u l-2023, u l-bliet kandidati għall-perjodu 2020–2028, hija identifikat is-suċċessi miksuba u t-tagħlimiet meħuda matul l-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Huwa importanti li jiġi nnotat li, dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha, kien hemm konverġenza wiesgħa bejn l-evidenza u d-data miġbura permezz tal-evalwazzjonijiet u l-fehmiet espressi matul il-proċess ta’ konsultazzjoni. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tislet diversi tagħlimiet importanti għall-futur tal-ECOC.

Hemm kunsens li l-ECOC huma azzjoni ta’ suċċess kbir, u hemm appoġġ qawwi ħafna għat-tkomplija tagħhom lil hinn mill-2033. Huwa ċar li dawn saru waħda mill-aktar inizjattivi kulturali ambizzjużi fl-Ewropa, kemm fil-kamp ta’ applikazzjoni kif ukoll fl-iskala. Saru wkoll waħda mill-aktar inizjattivi viżibbli u prestiġjużi tal-Unjoni u probabbilment waħda mill-aktar apprezzati miċ-ċittadini Ewropej.

L-azzjoni ECOC tista’ ġġib ħafna benefiċċji lill-bliet meta jiġu ppjanati bir-reqqa. Qabelxejn jibqgħu avveniment kulturali, iżda jistgħu jgħibu wkoll benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-avveniment ikun integrat fi strateġija ta’ żvilupp fit-tul immexxija mill-kultura fil-belt u fir-reġjun ta’ madwarha. Ta’ min jinnota wkoll li, għalkemm belt waħda biss f’kull

⁷ [Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni “Kapitali Ewropej tal-Kultura” għall-perjodu 2020–2033, COM/2025/587.](#)

Stat Membru tista' tospita l-avveniment f'sena partikolari, il-kompetizzjoni għandha effett ta' lieva importanti fuq l-iżvilupp ta' politiki u strateġiji ġodda jew aktar effettivi anke fi bliet li ma jirbħux it-titlu.

Madankollu, l-ECOC jirrappreżentaw ukoll sfidi. It-tweġġ ta' programm ta' attivitajiet kulturali tul sena sħiħa huwa impenjattiv u xi ECOC kellhom aktar suċċess minn oħrajn biex jisfruttaw il-potenzjal tat-titlu. Għaldaqstant, l-isfida ewlenija għall-futur se tkun li nibnu fuq il-punti b'saħħithom tal-iskema attwali, filwaqt li fl-istess ħin ngħinu lil kull Kapitali tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tat-titlu u tottimizza l-benefiċċji kulturali, ekonomiċi u soċjali.

Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni u tal-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni identifikat il-problemi ewlenin li jeħtieġu l-adattament u l-modernizzazzjoni tal-inizjattiva, filwaqt li qieset il-ħtieġa għal miżuri ta' simplifikazzjoni.

L-ewwel nett, id-dimensjoni Ewropea, filwaqt li hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-inizjattiva u wieħed mill-kriterji attwali tal-għażla, spiss tinftiehem ħażin u għalhekk tiġi injorata mill-bliet applikanti.

It-tieni, minkejja li l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-bliet tinvolvi kriterju dwar il-“kontribut għall-istrateġija fit-tul”, xi bliet ma esperjenzawx l-impatt fit-tul b'mod sħiħ kif mistenni. Enfasi aktar qawwija fuq kriterju bħal dan tista' tkun ta' benefiċċju kemm għall-bliet kif ukoll għar-rilevanza tal-azzjoni.

It-tielet, peress li bħalissa ma hemm l-ebda network istituzzjonali relatat mal-ECOC, hemm riskju li jintilef l-għarfien bejn il-bliet applikanti u l-bliet li jkollhom it-titlu fil-passat, fil-preżent u fil-futur.

Ir-raba', il-Kummissjoni Ewropea bħalissa tikkomunika dwar id-deżinjazzjoni uffiċjali tal-ECOC permezz tal-mezzi standard tagħha, inklużi stqarrijiet għall-istampa, kontenut fuq is-sit web u posts fuq il-media soċjali. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda kampanja ta' komunikazzjoni konġunta fil-livell tal-UE għall-promozzjoni tal-bliet li jkollhom it-titlu. Il-viżibbiltà u l-impatt tal-azzjoni, kif ukoll l-għarfien pubbliku dwarha, jibbenefikaw minn sforzi kkoordinati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-bliet li jkollhom it-titlu.

Il-ħames, il-bliet infushom għadhom ma stabbilewx mekkaniżmi ta' kejl u għalhekk ma hemm l-ebda data primarja dwar l-impatt tat-titlu. Dan jagħmilha diffiċli li jsir tqabbil bejn id-diversi ECOC u jdgħajjef it-trasferiment tal-esperjenza.

Is-sitta, diffikultà rikorrenti kienet l-effett tal-politika nazzjonali u lokali fuq il-baġits, li jeħtieġ li jkun stabbli kemm jista' jkun bejn l-istadji tal-kandidatura u dawk finali. Il-politika affettwat ukoll aspetti oħra tal-organizzazzjoni tal-avveniment. L-appoġġ politiku huwa fundamentali peress li l-biċċa l-kbira tal-fondi huma pubbliċi u, mingħajru, belt ma tistax tippreżenta kandidatura kredibbli. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tiġi rrispettata l-indipendenza artistika tat-tim ta' implimentazzjoni sabiex titħares il-kredibbiltà tal-avveniment.

Fl-aħħar nett, diversi Stati Membri diġà ospitaw it-titlu ħafna drabi u xi wħud minnhom għandhom biss għadd limitat ta' kandidati realistiċi għal avveniment fuq skala kbira bħall-ECOC. L-ospitar tat-titlu jista' jkollu effetti negattivi qawwija fuq belt b'riżorsi limitati, u l-għażla ta' ECOC aktar dgħajfa turriskja li, fit-tul, tagħmel ħsara lill-prestiġju u lill-valur tal-marka tal-ECOC.

Għalhekk, ġie deċiż li l-azzjoni titkompla b'bażi legali ġdida li tindirizza l-problemi li nqalgħu fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni attwali. Lista kronoloġika ġdida tal-Istati Membri tinsab fl-Anness.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-qafas tal-ewwel evalwazzjoni interim tal-Azzjoni ECoC 2020–2033, fis-sajf tal-2024⁸ saret konsultazzjoni pubblika li kienet tinkludi diversi mistoqsijiet dwar il-bażi legali għall-perjodu wara l-2033.

Ġiet ippubblikata sejħa għall-evidenza dwar l-azzjoni ECoC, li kienet miftuħa mit-3 ta' Diċembru 2025 sas-16 ta' Jannar 2026, sabiex jinġabru kontribuzzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar ir-reviżjoni tal-bażi legali tal-ECoC. Din kienet immirata b'mod speċjali fuq il-maniġers tal-ECoC (preċedenti, preżenti u futuri); l-awtoritajiet maniġerjali tal-ECoC fl-Istati Membri (jiġifieri l-Ministeru għall-Kultura rispettiv); l-esperti akkademiċi fl-iżvilupp kulturali tal-bliet u l-Bord ta' Esperti tal-ECoC; il-pubbliku ġenerali; in-networks kulturali, l-Organizzazzjonijiet Nongovernattivi, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sal-iskadenza waslu 26 tweġiba. Dawn tqiesu fil-brainstorming sussegwenti dwar it-tiġdid ta' dan il-qafas legali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-kontribut għar-riflessjonijiet dwar il-futur tal-ECoC ġie pprovdut ukoll minn rapporti fuq inizjattiva proprja u studji mwettqa mill-partijiet ikkonċernati, fosthom Culture Next⁹ (iffinanzjat taħt l-iskema tan-*Networks Ewropej ta' Organizzazzjonijiet Kulturali* tal-Ewropa Kreattiva mill-2022 sal-2028) u Eurocities¹⁰.

Barra minn hekk, fl-40 anniversarju tal-inizjattiva ECoC f'April/Mejju 2024, il-futur tal-azzjoni ġie diskuss fid-dettall. Din id-diskussjoni wasslet għall-pubblikazzjoni tal-White Paper “40 recommendations from 40 years of ECoC”¹¹, imħejjija minn Chemnitz 2025 u Nova Gorica 2025.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt għar-raġunijiet li ġejjin:

1) L-iskala tal-impatt tal-ECoC hija limitata.

2) L-azzjoni ECoC mhijiex programm tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), peress li l-kostijiet tagħha huma integrati fil-programm Ewropa Kreattiva (jew suċċessuri tiegħu). L-impatt tagħha fuq il-baġit tal-UE huwa limitat, peress li bħalissa jiġi allokat ammont ta' EUR 1,5 miljun biss lil kull ECoC, flimkien mal-kostijiet tan-nefqa relatata mal-bordijiet tal-esperti. Ma hemm l-ebda pakkett finanzjarju meħmuż mal-bażi legali tal-ECoC; dan huwa inkluż fil-bażi legali ta' Ewropa Kreattiva.

3) Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-bażi legali preċedenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

It-tiġdid tal-bażi legali tal-ECoC se jipprovdi opportunità biex ikomplu javvanzaw l-isforzi ta' simplifikazzjoni u biex l-azzjoni ssir aktar aċċessibbli, faċli għall-utent u ċċentrata fuq iċ-ċittadini. Il-qafas il-ġdid tal-ECoC iwitti t-triq għal:

- aktar appoġġ immirat għall-bliet kandidati u ddeżinjati;
- Aktar attivitajiet ta' komunikazzjoni ċentralizzati, li jiżguraw għarfien akbar tal-inizjattiva fost iċ-ċittadini;
- linji gwida aktar trasparenti għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-bliet (speċjalment fir-rigward tad-“dimensjoni Ewropea”);

⁸ Konsultazzjoni: [Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura – evalwazzjoni interim għall-2024](#)

⁹ [Culture Next](#).

¹⁰ [Eurocities](#).

¹¹ [40 recommendations from 40 years of ECoC](#).

- ir-reviżjoni u l-kjarifika tal-kunċetti u tal-lingwaġġ tal-kwestjonarju tal-għażla;
- kollaborazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien aktar b'saħħithom bejn il-bliet, b'mod partikolari permezz tal-possibbiltà li japplikaw bħala gruppi (transfruntiera) ta' bliet, fejn belt waħda tikkoordina u tmexxi l-kandidatura.

• **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija konformi għalkollox mal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**¹², u mal-oqfsa politiċi u leġiżlattivi rilevanti kollha tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

Il-bliet huma mistennija jissodisfaw l-impenji li hađu matul il-proċess tal-kandidatura u jiżguraw konformità kontinwa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Fir-rigward ta' din id-deċiżjoni li ġġedded id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE, din il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja diretta u immedjata.

Il-perjodu kopert mill-proposta jikkoinċidi ma' diversi oqfsa finanzjarji pluriennali.

Għas-snin ta' wara l-2033, l-aspetti legali u finanzjarji tal-ECOC se jkunu marbuta direttament mad-dispożizzjonijiet inklużi fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri. Fuq din il-bażi, dawn se jiġu ttrattati wkoll fil-qafas tal-programmi rispettivi tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, il-programm il-ġdid "AgoraEU" u s-suċċessuri tiegħu.

Ara d-dettalji fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva (LFDS).

¹² Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2016/oj

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li ġġedded azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2034 sal-2047 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jimmira għal unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jaġti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu, inter alia, li tikkontribwixxi għat-tisbiq tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tagħti prominenza lill-patrimonju kulturali komuni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri biex itejbu l-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej.
- (2) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Boxxla Kulturali – Qafas strateġiku għall-Kultura fl-Unjoni Ewropea”³ (“Boxxla Kulturali”) tistabbilixxi l-viżjoni strateġika tal-Unjoni għall-politika kulturali, billi tippromwovi l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha, id-diversità kulturali u lingwistika, il-koeżjoni u d-djalogu interkulturali, filwaqt li ssaħħaħ ir-rwol tal-kultura fil-kreattività, fl-innovazzjoni, fil-kompetittività u fir-relazzjonijiet internazzjonali.
- (3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta “L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa”⁴ tittrasforma l-viżjoni tal-Boxxla kulturali f'impenn politiku kondiviż bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u ttipprovdi qafas strateġiku li jqiegħed il-kultura fil-qalba tal-identità tal-Ewropa u jenfasizza l-importanza tagħha għall-individwi, għall-komunitajiet u għall-Unjoni Ewropea.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ [Boxxla Kulturali għall-Ewropa - COM\(2025\) 785](#).

⁴ ĠU C, C/2026/3440, 25.6.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/3440/oj>

- (4) Il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali⁵, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007 u li tagħha l-Unjoni hija firmatarja, għandha l-għan li tipproteġi u tippromwovi d-diversità kulturali, trawwem l-interkulturalità u tqajjem kuxjenza dwar il-valur tad-diversità kulturali fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014⁶ stabbiliet azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033. Din id-Deċiżjoni għandha titħassar, jekk: Madankollu, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tagħha jkomplu japplikaw fir-rigward tal-bliet kollha li diġà ġew ddeżinjati jew li jinsabu fil-proċess li jiġu ddeżinjati, għas-snin sal-2033.
- (6) Il-Boxxla kulturali tirrikonoxxi r-rwol rivitalizzanti tal-kultura fil-kuntesti urbani lil hinn mill-2033 u l-kontribuzzjoni tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura (ECOC) għat-trasformazzjoni u r-riġenerazzjoni inklużivi, urbani u reġjonali tal-bliet u tar-reġjuni madwar l-Ewropa, xprunati mill-kultura. L-azzjoni ECoC tixpruna l-koeżjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-attrazzjoni territorjali u l-iżvilupp sostenibbli.
- (7) Jenħtieġ li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-kultura tibni fuq inizjattivi eżistenti, bħall-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura adottati mill-Kunsill, il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn Strateġija tal-UE għal Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali"⁷, il-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali⁸ u d-Dikjarazzjoni ta' Ruma ta' Marzu 2017⁹, u tallinja mill-qrib mal-oġettivi tal-Boxxla kulturali għall-Ewropa u tad-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa".
- (8) Jenħtieġ li l-ECoC tallinja ruħha ma' inizjattivi Ewropej rilevanti, bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB)¹⁰, iċ-Ċertifikat tal-patrimonju Ewropew, l-Aġenda tal-UE għall-bliet¹¹, it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija¹² u l-Istrateġija dwar l-Ekwità Intergenerazzjonali¹³. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, indirizzata lill-Istati Membri u adottata fil-11 ta' Mejju 2026, tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex isaħħu l-ECoC b'mod li joħloq sinerġiji mal-valuri u mal-prinċipji tal-NEB, li tappoġġa l-iżvilupp, it-trasformazzjoni jew ir-riġenerazzjoni sostenibbli, inklużivi u xprunati mill-kwalità tal-viċinati fil-bliet madwar l-Ewropa.

⁵ [Il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.](#)

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tthassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2014/445(1)/oj)).

⁷ Komunikazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali", JOIN/2016/029 final. [EUR-Lex - 52016JC0029 - MT - EUR-Lex.](#)

⁸ Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali - SWD(2018) 491 final.

⁹ [Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma.](#)

¹⁰ [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mill-viżjoni għall-implimentazzjoni - COM\(2025\) 1026 u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.](#)

¹¹ [Aġenda tal-UE għall-bliet L-ixprunar tat-Tkabbir u l-Prospertà - COM\(2025\)739.](#)

¹² [It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-tisħiħ ta' demokraziji b'saħħithom u reżiljenti, JOIN \(2025\) 791 final.](#)

¹³ [Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali.](#)

- (9) L-ewwel evalwazzjoni interim¹⁴, kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika tas-sajf tal-2024¹⁵, urew li l-ECOC hija inizjattiva kulturali ambizzjuża fl-Ewropa u li hija apprezzata ħafna mill-popli tagħha. Wara 40 sena, l-ECOC tibqa' azzjoni ewlenija ta' suċċess, li tagħti spinta lis-setturi kulturali u kreattivi, tgħolli l-profil internazzjonali tal-bliet ospitanti u tappoġġa l-iżvilupp rurali u urban permezz tal-kultura. Hija azzjoni kosteffettiva li timmobilizza l-finanzjament pubbliku u privat, u taġixxi bħala katalist għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku, speċjalment meta tkun inkorporata fi strateġiji lokali u reġjonali fit-tul. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-ECOC titkompla u tiġi aġġornata sabiex tqis ix-xejriet emerġenti. Għalhekk, jenħtieġ li, tiġi stabbilita azzjoni mġedda għall-perjodu ta' wara l-2033.
- (10) Minbarra li juri d-diversità kulturali u l-wirt kondiviż tal-Ewropa, it-titlu ta' ECoC ("it-titlu") jgħin lill-bliet jarrikkixxu l-ħajja kulturali, isaħħu s-setturi kulturali u kreattivi, itejbu l-aċċess għall-assi kulturali u l-viżibbiltà tagħhom, jappoġġaw l-iżvilupp urban fit-tul u jrawmu sens kondiviż ta' appartenenza u djalogu interkulturali.
- (11) Jenħtieġ li l-oġettiv tal-azzjoni stabbilita b'din id-Deċiżjoni jkun kompletament konformi mal-oġettivi tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU"¹⁶ u mal-oġettivi speċifiċi tal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm¹⁷.
- (12) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-azzjoni, jenħtieġ li l-bliet li jkollhom it-titlu jsaħħu l-kapaċità ta' innovazzjoni u dik diġitali tas-setturi kulturali, jibnu rabtiet b'saħħithom bejn il-kultura u setturi rilevanti oħra bħall-edukazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent, l-iżvilupp urban, l-isport u t-turiżmu kulturali sostenibbli f'konformità mal-Istrateġija Ewropea dwar it-Turiżmu Sostenibbli, u jużaw l-ECOC bħala katalist għall-iżvilupp lokali sostenibbli u għal ambjenti urbani tajbin għas-saħħa u ekoloġiċi¹⁸, u jsaħħu l-profil internazzjonali tal-bliet permezz tal-kultura. Jenħtieġ li jippromwovu wkoll l-inklużjoni soċjali u l-oportunitajiet indaqs, itejbu l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha, jiżguraw l-akbar involviment possibbli tan-nies fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tal-programm kulturali, b'mod partikolari tat-tfal, taż-żgħażaġħ, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-libertà artistika, id-diversità tal-espressjonijiet kulturali u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti u għall-professionisti kulturali u kreattivi.
- (13) L-azzjoni ECoC tirrikjedi sforzi sinifikanti mill-bliet kandidati u mill-bliet li jkollhom it-titlu, inklużi t-tnejn u t-tweġġ ta' programm kulturali ta' livell għoli mifruq fuq sena u ppjanar fit-tul bil-għan li jħalli legat dejjiemi. Għalhekk, il-bliet jeħtieġu appoġġ, għodod, gwida u pariri xierqa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina l-attivitajiet rilevanti biex tgħin timmassimizza l-impatt dejjiemi tal-azzjoni.
- (14) Jenħtieġ li l-kompetizzjonijiet għat-titlu jsiru kull sena f'żewġ Stati Membri differenti skont il-kalendarju kronoloġiku stabbilit fl-Anness ("il-kalendarju"), u b'hekk tiġi

¹⁴ [Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni "Kapitali Ewropej tal-Kultura" għall-perjodu 2020–2033, COM/2025/587.](#)

¹⁵ Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura – [evalwazzjoni interim għall-2024](#)

¹⁶ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034 u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 – COM(2025) 550 (soġġetta għan-negozjati li għaddejjin dwar il-QFP).

¹⁷ L-isem huwa soġġett għan-negozjati li għaddejjin dwar il-QFP.

¹⁸ F'dak il-kuntest, għandhom jiġu mhegħa wkoll sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni li jirrikonoxxu s-sostenibbiltà urbana, bħall-Premju tal-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa u l-Premju Ewropew Green Leaf.

żgurata distribuzzjoni ġusta tal-ECOC fost l-Istati Membri kollha. Fis-snin rilevanti, jenħtieġ li l-kompetizzjoni tkun miftuħa wkoll għall-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, fil-pajjiżi kandidati jew fil-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE u fil-pajjiżi terzi marbuta mal-fergħa “Ewropa Kreattiva – Kultura” tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, bil-kundizzjoni li kull pajjiż eliġibbli jkun jista’ jirbaħ it-titlu darba biss matul il-perjodu 2034–2047. Dan huwa mod kif dawn il-pajjiżi jitqarrbu lejn l-Unjoni billi jiġu enfasizzati l-aspetti komuni tal-kulturi Ewropej, kif ikkonfermat minn esperjenzi preċedenti. F’każijiet ta’ forza maġġuri jew ta’ tkabbir tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li temenda l-Anness.

- (15) Sabiex tiġi żgurata reazzjoni effiċjenti u f’waqtha għal każijiet ta’ forza maġġuri jew ta’ tkabbir tal-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti f’konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-Anness. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq kwalunkwe konsultazzjoni meħtieġa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁹. B’mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali tagħhom fit-tnejn ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta’ atti delegati.
- (16) It-titlu jenħtieġ li jkun riżervat għall-bliet jew għall-gruppi transfruntiera ta’ bliet, irrispettivament mid-daqs tagħhom Sabiex jilħqu pubbliku usa’ u jampifikaw l-impatt tat-titlu, il-bliet jistgħu jinvolvu ż-żona ta’ madwarhom.
- (17) L-għoti tat-titlu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq programm kulturali b’dimensjoni Ewropea b’saħħitha. Tali programm kulturali jenħtieġ li jitfassal speċifikament għas-sena tat-titlu u jkun parti minn strateġija fit-tul.
- (18) Il-proċess tal-għażla jenħtieġ li jiġi organizzat f’żewġ stadji (il-preselezzjoni u l-għażla) u jitwettaq minn bord ta’ esperti indipendenti. Din l-organizzazzjoni ġusta u trasparenti ppermettiet lill-bliet itejbu l-applikazzjonijiet tagħhom bejn il-fażijiet tal-preselezzjoni u tal-għażla abbażi tal-pariri esperti li jkunu rċeview mill-bord. Barra minn hekk, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kontinwità tal-azzjoni ECoC u t-trasferiment tal-esperjenza u tal-għarfien expert, is-sostituzzjoni tal-esperti jenħtieġ li ssir b’mod gradwali.
- (19) Il-parteeipazzjoni tal-esperti maħtura fil-livell nazzjonali jenħtieġ li tkompli tiġi żgurata billi l-Istati Membri jkunu jistgħu jaħtru sa żewġ esperti fil-bord li jwettaq il-proċeduri tal-għażla u tal-monitoraġġ.
- (20) Il-kriterji tal-għażla jenħtieġ li jiggwidaw lill-bliet kandidati fir-rigward tal-oġettivi u tar-rekwiżiti li jeħtiġilhom jikkonformaw magħhom sabiex jingħataw it-titlu. Filwaqt li jenħtieġ li ssir enfasi akbar fuq is-sostenibbiltà, l-ippjanar fit-tul u l-aċċessibbiltà diġitali, id-dimensjoni Ewropea jenħtieġ li ssir kriterju ġenerali, kif irrakkomandat mill-ewwel evalwazzjoni interim tal-Azzjoni tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura 2020–2033.

¹⁹ [Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet](http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj) (ĠU L123.12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj).

- (21) Jenħtieġ li l-bliet kandidati jesploraw il-possibbiltà, fejn applikabbli, li jitolbu appoġġ finanzjarju minn programmi u fondi rilevanti oħra tal-Unjoni, speċjalment mill-programm AgoraEU u mill-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà, li l-finanzjament tiegħu jingħata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, kif ukoll minn programmi sussegwenti.
- (22) Il-fażi ta' preparazzjoni bejn id-deżinjazzjoni ta' belt u s-sena tat-titlu hija kruċjali għas-suċċess ta' ECoC. L-evalwazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati wrew li l-miżuri ta' appoġġ skont l-oqfsa legali preċedenti kienu ta' valur kbir u jenħtieġ li jiġu żviluppatti aktar u kkoordinati fost il-bliet li kellhom, li għandhom u li se jkollhom it-titlu, kif ukoll il-bliet kandidati, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġa network ta' bliet għall-iskambju tal-esperjenzi u tal-għarfien.
- (23) It-Titlu tal-ECoC u l-premju Melina Mercouri, li jenħtieġ li jitħallas f'żewġ pagamenti, għandhom valur simboliku qawwi. Il-bliet li jkollhom it-titlu huma mistennija jissodisfaw l-impenji li jkunu ħadu matul il-proċess tal-kandidatura u jiżguraw konformità kontinwa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²⁰. Għalhekk, l-ġoti tat-titlu u tal-premju jenħtieġ li jkun soġġett għal kundizzjonijiet stretti u ċari, u jenħtieġ li jiġi introdott ukoll qafas għat-tneħħija tagħhom, jekk ikun meħtieġ, meta detentur tat-titlu ma jibqax jissodisfa l-kriterji jew ma jibqax jikkonforma mal-proġett u mal-pjan ta' ħidma ppreżentati fl-applikazzjoni tiegħu.
- (24) Il-bliet li jkollhom it-titlu jenħtieġ li jiżguraw, mill-mument tad-deżinjazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena tat-titlu, li l-avvenimenti, l-attivitajiet u l-materjali kollha ta' komunikazzjoni juru b'mod ċar il-logo tal-UE flimkien mal-logo komuni tal-ECoC u, jekk applikabbli, il-bandiera tal-UE. Jenħtieġ li dejjem jirrikonoxxu li l-ECoC hija azzjoni ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni ċara tal-Kummissjoni Ewropea.
- (25) Il-bliet infushom jenħtieġ li jibqgħu jkunu l-atturi ewlenin fil-proċess ta' evalwazzjoni, sabiex jiżguraw il-ġbir ta' data primarja rilevanti fil-livell lokali, speċjalment fir-rigward tal-impatt tat-titlu.
- (26) L-oġġettivi ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa, li jiġu enfasizzati l-karatteristiċi li għandhom komuni u li titrawwem il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-bliet, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba l-ħtieġa, b'mod partikolari, ta' kriterji u proċeduri komuni, ċari u trasparenti għall-għażla u għall-monitoraġġ, kif ukoll ta' koordinazzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti mistennija tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni u għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

²⁰

[Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.](#)

Artikolu 1

Tiġdid tal-azzjoni

B'dan tiġġedded, għas-snin mill-2034 sal-2047, azzjoni tal-Unjoni intitolata “Kapitali Ewropej tal-Kultura” (“ECOC”) (“l-azzjoni”).

Artikolu 2

Objettivi

1. L-objettivi ġenerali tal-azzjoni huma:

(a) li tissalvagwardja u tippromwovi d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u tenfasizza l-karatteristiċi komuni tagħhom, kif ukoll li żżid is-sens Ewropew ta' appartenenza għal żona kulturali komuni u tippromwovi l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni;

(b) li trawwem il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv tal-bliet, f'konformità mal-istrateġiji u mal-prijoritajiet rispettivi tagħhom, filwaqt li tarrikkixxi l-ħajja kulturali tagħhom, issaħħaħ l-ekosistemi kulturali u kreattivi tagħhom, u żżid il-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u d-diversità tal-assi kulturali, tal-wirt u tal-espressjonijiet kulturali tagħhom.

2. L-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) li ttejjeb il-firxa, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fil-bliet, inkluż permezz tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali, u b'hekk tgħolli l-profil internazzjonali tal-bliet;

(b) li ttejjeb l-aċċess għall-kultura, għall-arti u għall-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, u li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, il-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità permezz tal-involvement kulturali;

(c) li ssaħħaħ il-kapaċità innovattiva u diġitali tas-settur kulturali lokali u l-kooperazzjoni tiegħu ma' setturi oħra.

Artikolu 3

Aċċess għall-azzjoni

1. Il-kompetizzjoni għat-titlu għandha tkun miftuħa għall-bliet jew għall-gruppi (transfruntiera) ta' bliet (minn hawn 'il quddiem it-tnejn li huma mifhuma bħala “belt/bliet”), li jistgħu jinvolvu ż-żoni ta' madwarhom.

2. L-għadd ta' bliet detenturi tat-titlu kull sena (“is-sena tat-titlu”) ma għandux ikun aktar minn tlieta.

It-titlu għandu jingħata kull sena lil mhux aktar minn belt waħda f'kull wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju stabbilit fl-Anness (“il-kalendarju”). Fis-snin rilevanti, dan għandu jingħata wkoll lil belt waħda minn pajjiż tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li jkun parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE”), minn pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE, jew minn pajjiż terz assoċjat mal-fergħa “Ewropa Kreattiva – Kultura” tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, jew lil belt waħda minn pajjiż li

jaderixxi mal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-paragrafu 5. F'każijiet ta' forza maġġuri jew ta' tkabbir tal-Unjoni, l-Anness jista' jiġi emendat mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat.

3. Il-bliet fl-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jżommu t-titlu għal sena waħda skont l-ordni tal-Istati Membri li jidhru fil-kalendarju. F'każijiet ta' forza maġġuri li jaffettwaw belt deżinjata u jdewmulha l-bidu tal-attivitajiet tas-sena tat-titlu tagħha, il-belt ikkonċernata għandha titħalla tipposponi dik is-sena wara talba bil-miktub mill-pajjiż affettwat lill-Kummissjoni, li għandha temenda l-Anness permezz ta' att delegat.

4. Il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, fil-pajjiżi kandidati jew fil-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE, jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, fid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2), jistgħu japplikaw għat-titlu għal sena waħda fil-qafas ta' kompetizzjoni miftuħa organizzata f'konformità mal-kalendarju.

Kull pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE, pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE, jew pajjiż terz assoċjat mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura għandu jitħalla jospita t-titlu darba biss matul il-perjodu mill-2034 sal-2047.

5. Meta pajjiż jaderixxi mal-Unjoni wara [*Jum wara l-pubblikazzjoni fil-ĠU*] iżda qabel l-1 ta' Jannar 2041, huwa jista' jkun intitolat jospita t-titlu seba' snin wara l-adeżjoni tiegħu, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri applikabbli għall-Istati Membri, skont l-għadd ta' pajjiżi li jaderixxu mal-Unjoni fl-istess ħin. Il-kalendarju għandu jiġi aġġornat kif xieraq permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni. Fejn pajjiż jaderixxi mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2041 jew wara din id-data, huwa ma għandux ikun intitolat li jipparteċipa fl-azzjoni bħala Stat Membru.

Madankollu, fi snin fejn diġà hemm tliet bliet detenturi tat-titlu skont il-kalendarju, bliet fil-pajjiżi msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu intitolati biss jospitaw it-titlu fis-sena disponibbli li jmiss fil-kalendarju, fl-ordni tal-adeżjoni ta' dawk il-pajjiżi.

Jekk belt minn pajjiż imsemmi fl-ewwel subparagrafu tkun ipparteċipat qabel f'kompetizzjoni għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, hi ma tistax tipparteċipa fl-ebda kompetizzjoni sussegwenti għall-Istati Membri. Jekk, matul il-perjodu mill-2034 sal-2047, belt minn tali pajjiż tkun ġiet deżinjata biex ikollha t-titlu f'konformità mal-paragrafu 4, dak il-pajjiż ma għandux ikun intitolat, wara l-adeżjoni tiegħu, jorganizza kompetizzjoni bħala Stat Membru matul dak il-perjodu.

Jekk aktar minn pajjiż wieħed jaderixxi mal-Unjoni fl-istess data u jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-ordni ta' parteċipazzjoni fl-azzjoni bejn dawk il-pajjiżi, il-Kunsill għandu jorganizza tluġ bix-xorti.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 fir-rigward tal-emendi għall-Anness.

Artikolu 4

Applikazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi formola ta' applikazzjoni komuni bbażata fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5, u din għandha tintuża mill-bliet kandidati kollha.

Fejn belt kandidata tinvolve ż-żona ta' madwarha, l-applikazzjoni għandha ssir taħt l-isem ta' dik il-belt. Meta japplika grupp ta' blet, l-applikazzjoni għandha ssir f'isem il-belt ewlenija fl-Istat Membru kkonċernat.

2. Kull applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq programm kulturali b'dimensjoni Ewropea qawwija, tirrispetta l-libertà artistika u d-diversità tal-espressjoni kulturali, u tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professionisti kulturali u kreattivi.

Il-programm kulturali għandu jkopri s-sena tat-titlu u għandu jinholq speċifikament għat-titlu, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5.

Artikolu 5

Kriterji

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin, u l-kriterji kollha għandu jkollhom dimensjoni Ewropea qawwija. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi linji gwida dwar id-definizzjoni u l-fehim ta' daww il-kriterji, b'mod partikolari tad-dimensjoni Ewropea, filwaqt li tqis is-sinerġiji ma' inizzjattivi rilevanti bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet huma kif ġej:

- (a) l-istrategġija fit-tul u l-legat;
- (b) il-kontenut kulturali u artistiku;
- (c) is-sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni u l-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini;
- (d) il-ġestjoni u l-kapaċità ta' implimentazzjoni.

(1) fir-rigward tal-kategorija "l-istrategġija fit-tul u l-legat", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- (a) l-eżistenza ta' strategġija kulturali li, fiż-żmien tal-applikazzjoni, tkopri l-azzjoni u tinkludi pjanijiet għal-legat lil hinn mis-sena tat-titlu;
- (b) il-pjanijiet biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż billi tiġi żviluppata kooperazzjoni fit-tul bejn is-setturi kulturali, soċjoekonomiċi u soċjali, b'enfasi partikolari fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti;
- (c) l-impatt kulturali, soċjali u ekonomiku fit-tul previst li jkollu t-titlu, inkluż f'termini ta' żvilupp sostenibbli u urban u, jekk applikabbli, rurali;
- (d) il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titlu, u għat-tixrid tar-riżultati tal-evalwazzjoni fil-livell Ewropew.

(2) fir-rigward tal-kategorija "il-kontenut kulturali u artistiku", għandhom jiġu vvalutati l-fatturi li ġejjin:

- (a) il-viżjoni u l-istrategġija artistiki ċari u koerenti għall-programm kulturali: il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa u tal-libertà artistika;
- (b) l-involviment tal-artisti, tal-organizzazzjonijiet kulturali u tar-residenti lokali u Ewropej, inklużi ż-żgħażaġh, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programm kulturali;
- (c) il-kooperazzjoni ma' blet ta' pajjiżi Ewropej differenti, u ma' blet li jkollhom it-titlu fl-istess sena;

- (d) il-firxa u l-kwalità artistika ġenerali tal-attivitajiet, li jenfasizzaw l-aspetti komuni tal-kulturi, tal-wirt kulturali u tal-istorja Ewropej, kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea u t-temi Ewropej attwali;
- (e) il-kapaċità li l-wirt kulturali u l-forom tradizzjonali tal-arti jiġu kkombinati ma' espressjonijiet kulturali diġitali ġodda, innovattivi u sperimentali, filwaqt li jitrawmu modi ġodda ta' involviment fiżiku u diġitali.
- (3) fir-rigward tal-kategorija "is-sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini", għandhom jiġu vvalutati l-fatturi li ġejjin:
- (a) l-involviment sinifikattiv ta' komunitajiet lokali differenti u tas-soċjetà ċivili fit-tnejn tal-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-azzjoni;
 - (b) il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda u inklużivi, inklużi dawk diġitali, biex firxa wiesgħa ta' abitanti, inklużi dawk minn żoni periferiċi, u ta' viżitaturi jkun jistgħu jattendu attivitajiet kulturali, ikollhom aċċess għalihom jew jipparteċipaw fihom – b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażaġh – b'attenzjoni speċjali għall-aċċessibbiltà ta' dawk l-attivitajiet għall-persuni b'diżabbiltà u għall-anzjani;
 - (c) l-istrategġija ġenerali għall-iżvilupp tal-udjenzi, b'enfasi fuq ir-rabta mal-edukazzjoni u fuq il-parteċipazzjoni tal-iskejjel u tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
 - (d) strategġija komprensiva ta' kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni li tattira l-interess ta' pubbliku lokali, Ewropew u internazzjonali wiesa' u tenfasizza li l-azzjoni hija azzjoni tal-Unjoni, bl-użu tal-logo u tal-islogan komuni tal-ECOC.
- (4) fir-rigward tal-kategorija "il-ġestjoni u l-kapaċità ta' implimentazzjoni", għandhom jiġu vvalutati l-fatturi li ġejjin:
- (a) il-fattibbiltà tal-istrategġija għall-ġbir ta' fondi u tal-baġit propost, li jinkludi, jekk applikabbli, pjanijiet biex jintalab appoġġ finanzjarju mill-programmi u mill-fondi tal-Unjoni, u jkopri l-fażi ta' tnejn, is-sena tat-titlu, l-evalwazzjoni u l-attivitajiet marbuta mal-legat, kif ukoll l-ippjanar ta' kontinġenza;
 - (b) l-istruttura prevista ta' governanza u implimentazzjoni, b'persunal li jkollu l-ħiliet meħtieġa għall-implimentazzjoni sostenibbli tal-azzjoni, li tippermetti kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet lokali u l-istruttura ta' implimentazzjoni, inkluż it-tim artistiku;
 - (c) il-proċeduri għall-ħatra tad-diretturi ġenerali u artistiki u l-oqsma ta' azzjoni tagħhom;
 - (d) appoġġ wiesa' għall-applikazzjoni u impenn finanzjarju sostenibbli mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali;
 - (e) il-belt kandidata għandha jew se jkollha infrastruttura adegwata u vijabbli biex ikollha t-titlu;

Artikolu 6

Bord ta' Esperti

1. Bord ta' esperti indipendenti ("il-bord") għandu jiġi stabbilit biex iwettaq il-proċeduri tal-għażla u l-monitoraġġ.
2. Il-bord għandu jikkonsisti minn 12 esperti maħtura mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ("l-esperti Ewropej") f'konformità mal-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha tipproponi ġabra ta' esperti Ewropej potenzjali abbażi ta' sejħa miftuħa għal espressjonijiet ta' interess.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jaħtru tliet esperti kull wieħed, f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom, u jinnominaw tliet esperti oħra kull wieħed bħala esperti ta' riżerva.

Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandhom jaħtru ekspert kull wieħed, f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom, u jinnominaw ekspert wieħed kull wieħed bħala ekspert ta' riżerva.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tagħżel ekspert wieħed min-Network tal-Ambaxxaturi Kulturali Żgħażaġh²¹ u tinnomina ekspert wieħed bħala ekspert ta' riżerva, f'konformità mal-proċedura tagħha.

Meta jagħżlu l-esperti Ewropej, kull waħda minn dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandha tfittex li tiżgura ħiliet komplementari, distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata, bilanċ bejn il-ġeneri u diversità ta' sfondi, sabiex il-kompożizzjoni ġenerali tal-bord tirrifletti t-tħassib tad-diversi soċjetajiet Ewropej.

4. Minbarra l-esperti Ewropej għall-għażla u l-monitoraġġ ta' belt minn Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat jaħtar sa żewġ esperti fil-bord f'konformità mal-proċeduri tiegħu stess u f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkun responsabbli biex jikkuntratta lil dawk iż-żewġ esperti. Dan ma japplikax għal kompetizzjonijiet għal pajjiżi terzi.

5. L-esperti kollha għandhom:

(a) ikunu ċittadini u residenti tal-Unjoni;

(b) ikunu indipendenti;

(c) ikollhom esperjenza u għarfien ekspert sostanzjali:

(i) f'mill-inqas wieħed mis-setturi kulturali u kreattivi;

(ii) fl-iżvilupp kulturali tal-bliet; jew

(iii) fl-organizzazzjoni ta' avveniment tal-ECOC jew ta' avveniment kulturali internazzjonali ta' ambitu u skala simili; jew

(iv) fil-promozzjoni u l-ġestjoni tat-turiżmu kulturali;

(d) ikunu f'pożizzjoni li jiddedikaw diversi jiem tax-xogħol fis-sena lill-bord, inklużi l-vjaġġi (madwar 30 sa 40 jum).

6. Il-membri tal-bord għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni għas-servizzi tagħhom, kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż kollha relatati direttament mat-twettiq ta' dmirijiethom skont dan il-mandat.

Tali remunerazzjoni u spejjeż għandhom jitħallsu għat-tul kollu tal-ħatra tagħhom.

Il-membri kollha tal-bord għandhom jirċievu remunerazzjoni ugwali, irrispettivament mill-istituzzjoni li ħatritom.

7. Il-Bord għandu jinnomina l-president tiegħu.

8. L-esperti Ewropej għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin.

²¹ Din hija inizzjattiva mill-Boxxla Kulturali għall-Ewropa li qed tiġi żviluppata bħalissa.

Madankollu, fir-rigward tal-istabbiliment inizjali tal-bord skont din id-Deċiżjoni, il-Parlament Ewropew għandu jaħtar l-esperti tiegħu għal tliet snin, il-Kummissjoni għal sentejn u l-Kunsill, il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal sena, sabiex l-għarfien espert jinżamm minkejja r-rotazzjoni regolari tal-bord ta' esperti.

9. Jekk espert jirriżenja jew ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu qabel it-tmiem tal-mandat tiegħu, jew jekk il-Kummissjoni Ewropea ttemm il-kuntratt tiegħu, dak l-espert għandu jiġi sostitwit minn espert ta' riżerva għall-bqija tal-mandat.

10. L-esperti kollha għandhom jiddikjaraw kwalunkwe konflitt ta' interess attwali jew potenzjali fir-rigward ta' belt kandidata speċifika. Fil-każ ta' dikjarazzjoni bħal din, jew jekk jirriżulta tali konflitt ta' interess, l-espert ikkonċernat għandu jirriżenja u l-istituzzjoni jew il-korp rilevanti tal-Unjoni jew l-Istat Membru għandu jissostitwixxi lil dak l-espert għall-bqija tal-mandat, f'konformità mal-paragrafu 9.

Artikolu 7

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet fl-Istati Membri

1. F'konformità mal-kalendarju stabbilit fl-Anness, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-bliet tiegħu.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jippubblikaw sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-anqas sitt snin qabel is-sena tat-titlu.

Kull sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għandu jkun fiha l-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1).

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-bliet kandidati għal kull sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għandha tkun skedata mhux qabel 10 xhur minn meta tiġi ppubblikata.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw l-applikazzjonijiet lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Preselezzjoni fl-Istati Membri

1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jlaqqa' l-bord għal laqgħa ta' preselezzjoni mal-bliet kandidati mhux aktar tard minn ħames snin qabel is-sena tat-titlu.

2. Il-bord, wara li jivvaluta l-applikazzjonijiet f'konformità mal-kriterji, għandu jaqbel dwar lista mqassra ta' bliet kandidati u għandu joħroġ rapport tal-preselezzjoni dwar l-applikazzjonijiet kollha, filwaqt li jagħti, fost l-oħrajn, rakkomandazzjonijiet lill-bliet kandidati tal-lista mqassra.

3. Il-bord għandu jippreżenta rapport ta' preselezzjoni lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni.

4. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu japprova formalment il-lista mqassra bbażata fuq ir-rapporti tal-bord.

Għażla fl-Istati Membri

1. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport ta' preselezzjoni, il-bliet kandidati fil-lista mqassra għandhom jikkompletaw u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jikkonformaw mal-kriterji. Għandhom jippreżentawhom lill-Istat Membru kkonċernat, li min-naħa tiegħu għandu jibgħathom lill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jlaqqa' l-bord għal laqgħa tal-għażla mal-bliet kandidati fil-lista mqassra mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-laqgħa ta' preselezzjoni.

Fejn meħtieġ, l-Istat Membru kkonċernat, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jista' jestendi dik l-iskadenza ta' disa' xhur għal perjodu raġonevoli.

3. Il-bord għandu jivvaluta l-applikazzjonijiet lesti u riveduti.

4. Il-bord għandu joħroġ rapport tal-għażla dwar l-applikazzjonijiet tal-bliet kandidati fil-lista mqassra b'rakkomandazzjoni għan-nomina ta' massimu ta' belt waħda fl-Istat Membru kkonċernat.

Ir-rapport tal-għażla għandu jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet lill-belt rebbieħa dwar il-progress li għandu jsir sas-sena tat-titlu.

Il-bord għandu jippreżenta rapport ta' preselezzjoni lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni.

5. Minkejja l-paragrafu 4, jekk ebda belt kandidata ma tissodisfa l-kriterji kollha, il-bord jista' jirrakkomanda li t-titlu ma jingħatax għas-sena inkwistjoni.

Artikolu 10

Dispożizzjoni dwar il-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, il-pajjiżi kandidati jew il-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-fergħa “Ewropa Kreattiva – Kultura” tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-bliet fil-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, fil-pajjiżi kandidati jew fil-kandidati potenzjali għas-sħubija fl-UE, u fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-fergħa “Ewropa Kreattiva – Kultura” tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura (imsejħa “kompetizzjonijiet għall-pajjiżi terzi”).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-inqas sitt snin qabel is-sena tat-titlu. Kull sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għandu jkun fiha l-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1). L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet taħt kull sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għandha tkun skedata mhux qabel 10 xhur mill-pubblikazzjoni.

3. Il-preselezzjoni tal-bliet għandha titwettaq mill-bord mill-anqas ħames snin qabel is-sena tat-titlu, abbażi tal-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom. Ma għandha tiġi organizzata l-ebda laqgħa mal-bliet kandidati.

Il-bord, wara li jivvaluta l-applikazzjonijiet f'konformità mal-kriterji, għandu jaqbel dwar lista mqassra ta' bliet kandidati u għandu joħroġ rapport tal-preselezzjoni dwar l-applikazzjonijiet

kollha, filwaqt li jagħti, fost l-oħrajn, rakkomandazzjonijiet lill-bliet kandidati tal-lista mqassra. Il-bord għandu jippreżenta r-rapport ta' preselezzjoni lill-Kummissjoni.

4. Il-bliet kandidati inklużi fil-lista mqassra għandhom jikkompletaw u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jikkonformaw mal-kriterji, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-preselezzjoni, u jippreżentawhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-bord għal laqgħa tal-għażla mal-bliet kandidati fil-lista mqassra mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-laqgħa ta' preselezzjoni.

Fejn meħtiegħ, il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskadenza ta' disa' xhur għal perjodu raġonevoli.

5. Il-bord għandu jivvaluta l-applikazzjonijiet lesti u riveduti.

6. Il-bord għandu joħroġ rapport tal-għażla dwar l-applikazzjonijiet tal-bliet kandidati inklużi fil-lista mqassra, flimkien ma' rakkomandazzjoni għad-deżinjazzjoni ta' mhux aktar minn belt waħda f'pajjiż wieħed tal-EFTA/taż-ŻEE, f'pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għas-šhubija fl-UE, jew f'pajjiż terz assoċjat mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura.

Ir-rapport tal-għażla għandu jkollu wkoll rakkomandazzjonijiet lill-belt ikkonċernata dwar il-progress li jrid isir sas-sena tat-titlu.

Il-bord għandu jippreżenta r-rapport tal-għażla lill-Kummissjoni.

7. Minkejja l-paragrafu 6, jekk l-ebda belt kandidata ma tissodisfa l-kriterji kollha, il-bord jista' jirrakkomanda li t-titlu ma jingħatax għas-sena inkwistjoni.

Artikolu 11

Deżinjazzjoni

1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddeżinja belt waħda biex ikollha t-titlu, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-għażla tal-bord, u għandu jinnotifika b'dik id-deżinjazzjoni, mhux aktar tard minn erba' snin qabel is-sena tat-titlu, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

2. Fil-każ tal-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, tal-pajjiżi kandidati jew tal-kandidati potenzjali għas-šhubija fl-UE, jew tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, il-Kummissjoni għandha tiddeżinja belt waħda biex ikollha t-titlu fis-snin rilevanti, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-għażla tal-bord. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'dik id-deżinjazzjoni, mhux aktar tard minn erba' snin qabel is-sena tat-titlu, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

3. In-nomini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu akkumpanjati minn ġustifikazzjoni abbażi tar-rapporti tal-bord.

4. Fejn belt tinvolvi ż-żona ta' madwarha, in-nomina għandha tapplika għall-belt.

5. Fi żmien xahrejn min-notifika tad-deżinjazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-lista tal-bliet deżinjati bħala ECoC.

Artikolu 12

Kooperazzjoni bejn il-bliet deżinjati

Il-bliet deżinjati għall-istess sena, għas-sena ta' qabel u għas-sena ta' wara għandhom ifittxu li jiżviluppaw rabtiet bejn il-programmi kulturali tagħhom, u tali kooperazzjoni tista' titqies fil-qafas tal-proċedura ta' monitoraġġ stabbilita fl-Artikolu 13.

Artikolu 13

Monitoraġġ

1. Il-bord għandu jimmonitorja t-tnejja tal-bliet deżinjati għas-sena tat-titlu u jipprovdi lhom appoġġ u gwida minn meta jiġu deżinjati sa tmiem is-sena tat-titlu.

2. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' erba' laqgħat ta' monitoraġġ li għalihom għandhom jattendu l-bord u l-bliet deżinjati, idealment:

- (a) bejn 6 xhur u 9 xhur wara d-deżinjazzjoni tal-belt;
- (b) 18-il xahar qabel is-sena tat-titlu;
- (c) 6 xhur qabel is-sena tat-titlu;
- (d) sena wara s-sena tat-titlu.

L-Istat Membru jew il-pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE, il-pajjiż kandidat jew il-kandidat potenzjali, jew il-pajjiż terz assoċjat mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura rispettiv jista' jinnomina osservatur biex jattendi dawk il-laqgħat.

Il-bliet deżinjati għandhom jippreżentaw rapporti ta' progress lill-Kummissjoni ġimagħtejn qabel kull laqgħa ta' monitoraġġ.

Matul il-laqgħat ta' monitoraġġ, il-bord għandu jieħu kont tat-tnejja u tal-ippjanar tal-legat u jagħti pariri bil-ħsieb li jgħin lill-bliet deżinjati jiżviluppaw programm kulturali ta' kwalità għolja b'dimensjoni Ewropea qawwija u strateġija effettiva biex jilhqqu dan l-għan. Il-bord għandu jagħti attenzjoni speċjali lir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport dwar l-għażla u fi kwalunkwe wieħed mir-rapporti ta' monitoraġġ preċedenti msemmija fil-paragrafu 3.

3. Wara kull laqgħa ta' monitoraġġ, il-bord għandu joħroġ rapport ta' monitoraġġ dwar l-istat tat-tnejja, l-ippjanar tal-legat u kwalunkwe pass li għandu jittieħed.

Il-bord għandu jibgħat ir-rapporti ta' monitoraġġ tiegħu lill-Kummissjoni. Għall-kompetizzjonijiet fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tibgħathom lill-Istat Membru rispettiv, li għandu jkun responsabbli biex jibgħat dawk ir-rapporti lill-bliet iddeżinjati. Għall-kompetizzjonijiet għall-pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn ir-rapporti ta' monitoraġġ direttament lill-bliet deżinjati.

4. Barra mil-laqgħat ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni tista' torganizza żjarat mill-membri tal-bord fil-bliet deżinjati kull meta jkun meħtieġ. Jista' jkun possibbli li dawk iż-żjarat isiru virtwalment jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 14

Irtirar tat-titlu

1. Jekk, wara laqgħa ta' monitoraġġ jew kwalunkwe żjara addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 13(4), il-bord jistabbilixxi li detentur tat-titlu jkun naqas b'mod sostanzjali: (i) milli jissodisfa l-kriterji li abbażi tagħhom ikun ġie deżinjat; jew (ii) milli jikkonforma mal-proġett u mal-pjan ta' ħidma ppreżentati fl-applikazzjoni tiegħu, huwa għandu jibda djalogu mal-Istat Membru kkonċernat permezz tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiffaċilita l-aġġustamenti meħtieġa.
2. Jekk l-aġġustamenti meħtieġa ma jkunux saru fil-ħin, il-bord għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dak il-fatt. In-notifika għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet, u għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tittejjeb is-sitwazzjoni.
3. Jekk ir-rakkomandazzjonijiet prattiċi ma jkunux ġew implimentati fil-ħin, il-bord għandu joħroġ opinjoni lill-Kummissjoni favur l-irtirar tat-titlu mill-belt rilevanti.
4. Fil-każ ta' belt minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru jirtira t-titlu, filwaqt li jqis kif xieraq l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 3. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni bir-raġunijiet għall-irtirar.
5. Fil-każ ta' belt f'pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE, f'pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE, jew f'pajjiż terz assoċjat mal-fergħa "Ewropa Kreattiva – Kultura" tal-programm AgoraEU jew mal-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni li tirtira t-titlu, filwaqt li tqis kif xieraq l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni bir-raġunijiet għall-irtirar.

Artikolu 15

Premju

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti premju fi flus f'ġieħ Melina Mercouri ("il-premju") lill-bliet deżinjati, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament skont il-qafas finanzjarju applikabbli.

Il-Premju għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli tal-programmi applikabbli tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura.

2. Żewġ terzi tal-flus tal-premju għandhom jitħallsu sa tmiem Marzu tas-sena tat-titlu, dment li l-belt deżinjata kkonċernata tkompli tonora l-impenji li tkun ħadet fl-istadju tal-applikazzjoni, tikkonforma mal-kriterji u tqis ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapporti tal-għażla u tal-monitoraġġ.

L-impenji meħuda fl-istadju tal-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ġew onorati mill-belt deżinjata jekk ma tkun saret l-ebda bidla sostanzjali fil-programm u fl-istrateġija bejn l-istadju tal-applikazzjoni u s-sena tat-titlu, b'mod partikolari jekk:

- (a) il-baġit ikun inżamm f'livell li jippermetti t-twettiq ta' programm kulturali ta' kwalità għolja konformi mal-applikazzjoni u l-kriterji;
- (b) l-indipendenza tat-tim artistiku tkun ġiet rispettata;

- (c) id-dimensjoni Ewropea tkun baqgħet parti sostanzjali mill-verżjoni finali tal-programm kulturali;
 - (d) l-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni u l-materjal ta' komunikazzjoni użati mill-belt deżinjata juru b'mod ċar li l-azzjoni hija azzjoni tal-Unjoni;
 - (e) il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titlu fuq il-belt deżinjata jkunu fis-seħħ.
3. Il-bqija tal-flus tal-premj u għandhom jitħallsu mhux aktar tard minn 24 xahar wara l-ewwel pagament, dment li l-belt deżinjata kkonċernata jkollha pjanijiet sodi għal-legat tas-sena tat-titlu, b'mod partikolari:
- (a) baġit iddedikat għal-legat;
 - (b) programm artistiku ta' segwitu b'dimensjoni Ewropea;
 - (c) strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni li jenfasizzaw li l-azzjoni hija azzjoni tal-Unjoni.
4. Jekk l-irtirar tat-titlu ddefinit fl-Artikolu 14 iseħħ matul is-sena tat-titlu, il-parti tal-premj li tkun diġà tħallset għandha tiġi rkuprata mill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Arranġamenti prattiċi

1. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari:
- (a) tiżgura l-koerenza ġenerali tal-azzjoni u ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-ECOC deżinjati;
 - (b) tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-bord;
 - (c) fid-dawl tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 2 u tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 5, tistabbilixxi linji gwida biex tassisti fil-proċeduri tal-għażla u tal-monitoraġġ – inkluż fir-rigward tad-dimensjoni Ewropea – f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bord;
 - (d) ttiprovdi appoġġ tekniku lill-bord;
 - (e) tippubblika, fuq is-sit web tagħha, ir-rapporti kollha tal-bord.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkordina l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' appoġġ għall-azzjoni ECoC; b'mod partikolari, għandha:
- (a) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni rilevanti kollha u tikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-azzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali;
 - (b) trawwem l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn il-bliet li kellhom it-titlu fil-passat, dawk li għandhom it-titlu fil-preżent u dawk li se jkollhom it-titlu fil-futur, kif ukoll il-bliet kandidati, u tippromwovi tixrid usa' tar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-bliet u tat-tagħlimiet misluta;
 - (c) tikkordina u tappoġġa network tal-bliet tal-ECoC u ttiprovdi appoġġ lill-bliet biex iħejju l-applikazzjonijiet, jimplimentaw il-programmi tagħhom u jibnu fuq l-esperjenza tagħhom tal-ECoC, inkluż billi jintegrawha fl-ippjanar urban u tal-politiki fit-tul, kemm jekk ikunu ngħataw it-titlu kif ukoll jekk le;

- (d) tiżviluppa attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati biex issaħħaħ il-viżibbiltà u l-firxa tal-azzjoni ECoC fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- (e) tipprovdi informazzjoni dwar il-fondi Ewropej eżistenti għall-iżvilupp ta' proġetti mill-bliet, inklużi l-mentoraġġ u t-taħriġ.

Artikolu 17

Evalwazzjoni

1. Kull belt ikkonċernata għandha tkun responsabbli għall-evalwazzjoni tar-riżultati tas-sena tagħha bħala ECoC.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida u indikaturi komuni għall-bliet ikkonċernati, abbażi tal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 2 u tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 5, sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-proċedura ta' evalwazzjoni.

Il-bliet ikkonċernati għandhom ifasslu r-rapporti ta' evalwazzjoni tagħhom u jippreżentawhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena tat-titlu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti ta' evalwazzjoni fuq il-websajt.

2. Minbarra l-evalwazzjonijiet tal-bliet, il-Kummissjoni għandha tiżgura li evalwazzjonijiet esterni u indipendenti tar-riżultati tal-azzjoni jsiru fuq bażi regolari.

L-evalwazzjonijiet esterni u indipendenti għandhom jiffukaw fuq it-tqegħid tal-ECoC kollha tal-passat f'kuntast Ewropew, b'tali mod li jkunu jistgħu jsiru paraguni u jinsiltu tagħlimiet utli għall-ECoC futuri, kif ukoll għall-bliet Ewropej kollha. Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu evalwazzjoni tal-azzjoni bħala entità sħiħa, inklużi l-effiċjenza tal-proċessi involuti fit-tmexxija tal-azzjoni, l-impatt tagħha u l-modi kif tista' tittejjeb.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni r-rapporti li ġejjin, ibbażati fuq dawk l-evalwazzjonijiet u akkumpanjati minn kwalunkwe proposta rilevanti:

- (a) rapport interim inizjali sal-31 ta' Diċembru 2038;
- (b) it-tieni rapport interim sal-31 ta' Diċembru 2043;
- (c) rapport ex post sal-31 ta' Diċembru 2048.

Artikolu 18

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn *[id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]*.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 3 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard

speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 19

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/KE hija b'dan imħassra. Madankollu, hija għandha tkompli tapplika fil-każ ta' b'liet li jkunu ġew iddeżinjati jew li jkunu fil-proċess li jiġu ddeżinjati bħala ECoC għas-snin mill-2020 sal-2033.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	4
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" tfisser il-valur li jirriżulta minn azzjoni tal-UE, jiġifieri valur addizzjonali għal dak li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	5
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	6
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	6
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	7
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	7
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	8
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	9

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	9
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	10
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	10
3.2.1.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat	10
3.2.1.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	10
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn appropriazzjonijiet operazzjonali.....	10
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	11
3.2.3.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	11
3.2.3.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	11
3.2.3.3.	Total tal-appropriazzjonijiet.....	11
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	11
3.2.4.1.	Ifffinanzjati mill-baġit ivvutat	12
3.2.4.2.	Ifffinanzjati minn dħul assenjat estern	12
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	12
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	14
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	14
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	14
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	14
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	16
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	16
4.2.	Data	16
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	16
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	16
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	16

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ġġedded azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2034 sal-2047 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Kultura, bliet.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

L-ewwel objettiv ġenerali tal-azzjoni huwa li tissalvagwardja u tippromwovi d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u li tenfasizza l-karatteristiċi komuni tagħhom, kif ukoll li ssaħħa is-sens Ewropew ta' appartenenza għal żona kulturali komuni. It-tieni objettiv huwa li tħeġġeġ il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv tal-bliet f'konformità mal-istrategġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-azzjoni għandha tirfed l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li ttejjeb il-firxa, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fil-bliet, inkluż permezz tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali u b'hekk tgħolli l-profil internazzjonali tal-bliet;

(b) li ttejjeb l-aċċess għall-kultura, għall-arti u għall-wirt kulturali u l-parteċipazzjoni fihom għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u li ssaħħa il-koeżjoni soċjali, il-ġustizzja interġenerazzjonali, l-ugwaljanza u d-diversità permezz tal-involviment kulturali;

(c) li ssaħħa il-kapaċità ta' innovazzjoni tas-settur kulturali lokali, inkluża d-dimensjoni diġitali tiegħu u l-kooperazzjoni tiegħu ma' setturi oħra.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-reviżjoni proposta tal-bażi legali tal-ECOC hija mistennija li jkollha impatt soċjali, ekonomiku, ambjentali u internazzjonali pożittiv.

Impatti soċjali: L-azzjoni riveduta tal-ECOC hija mistennija li ssaħħa is-sens ta' identità Ewropea u ta' appartenenza filwaqt li twessa' l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha. B'mod partikolari, se tkun ta' benefiċċju għan-nies f'reġjuni rurali u inqas viżibbli u se tħeġġeġ lil aktar żgħażaġh jinvolve ruħhom. Hija se tappoġġa wkoll inizjattivi mmirati lejn l-involviment tat-tfal u ż-żgħażaġh. Se ssostni l-koeżjoni soċjali, id-djalogu interkulturali u interġenerazzjonali u l-involviment demokratiku fl-UE u lil hinn minnha.

Impatti ekonomiċi: Billi ttejjeb il-viżibbiltà u l-firxa tal-ECOC, l-inizjattiva x'aktarx li tagħti spinta lit-turiżmu kulturali lokali, tistimula l-innovazzjoni u l-iżvilupp reġjonali u toħloq l-impjiegi, speċjalment fin-negozji kulturali żgħar u ta' daqs medju.

Impatti ambjentali: Il-qafas rivedut se jintegra s-sostenibbiltà b'mod aktar espliċitu fil-proċessi tal-għażla u tal-monitoraġġ, filwaqt li jhegħgeġ lill-bliet jadottaw prattiki ekoloġiċi fil-ġestjoni, fl-involviment tal-viżitaturi u fl-operazzjonijiet. Dan se jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet klimatiċi permezz ta' narrattivi kulturali u għat-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fit-tmexxija 'l quddiem tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Impatt internazzjonali. Il-qafas rivedut se jiffoka primarjament fuq l-Istati Membri, kif inhu l-każ bħalissa, f'konformità mal-istrument li jipprovdi appoġġ finanzjarju dirett lill-ECOC fil-livell tal-UE (il-programm Ewropa Kreattiva sal-2027 u mbagħad is-suċċessur tiegħu). Madankollu, il-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE għandhom jitqiesu wkoll sabiex il-qafas rivedut ikollu rwol fil-politika tat-tkabbir tal-UE, fid-diplomazija kulturali u fir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU: L-inizjattiva se tagħti kontribuzzjoni pożittiva għal diversi SDGs, b'mod partikolari: SDG 4 (Edukazzjoni ta' kwalità); SDG 5 (Ugwaljanza bejn il-ġeneri); SDG 8 (Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku); SDG 10 (Tnaqqis tal-inugwaljanzi); SDG 11 (Bliet u komunitajiet sostenibbli); SDG 13 (Azzjoni klimatika); SDG 16 (Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom); SDG 17 (Sħubijiet għall-għanijiet).

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

mhux applikabbli. L-azzjoni ECoC ma għandhiex fondi tagħha stess. Il-baġit tagħha għandu jiġi mis-suċċessur tal-programm Ewropa Kreattiva. Kull belt iddeżinjata twestaq l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħha stess, abbażi tal-linji gwida tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għandha tirreżamina ladarba tiġi adottata l-bażi legali.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- ☐ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja³⁴
- ☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-azzjoni ECoC se tkompli tenfasizza r-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej u l-karatteristiċi komuni tagħhom, tippromwovi fehim reċiproku akbar bejn in-nies u trawwem il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-bliet.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-fnijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" tfisser il-valur li jirriżulta minn azzjoni tal-UE, jiġifieri valur addizzjonali għal dak li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

³⁴

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-gvernijiet nazzjonali għandhom rwol ċentrali fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tal-kulturi u tal-patrimonju nazzjonali tagħhom. Madankollu, l-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2020-2033 sabet li l-ECOC iżżid valur sinifikanti billi toffri qafas fil-livell Ewropew li jenfasizza s-sinifikat internazzjonali tal-bliet magħżula. Hija ssaħħa ukoll ir-rwol ta' daww il-bliet fil-promozzjoni tad-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u tal-karatteristiċi komuni tagħhom kif ukoll fil-promozzjoni tal-valuri, tal-istorja u tal-identità Ewropej komuni.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġenerat (ex post)

L-azzjoni se ttejjeb il-kooperazzjoni volontarja, it-trasferiment tal-għarfien u l-viżibbiltà bejn il-bliet madwar l-UE u lil hinn minnha. It-titlu tal-ECOC ingħata tliet darbiet lil bliet barra mill-UE u għandu jerġa' jingħata fl-2030 u fl-2033 lil belt f'pajjiż tal-EFTA/taż-ŻEE, f'pajjiż kandidat jew f'kandidat potenzjali li jipparteċipa fil-programm Ewropa Kreattiva tal-UE. L-azzjoni ECOC tappoġġa l-isforzi nazzjonali billi tintegrahom fi strateġija koerenti tal-UE u tgħin biex l-inizjattivi kulturali jiġu allinjati ma' prioritajiet usa' tal-UE, bħall-involviment taż-żgħażaġh, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni diġitali. Din l-inizjattiva tippromwovi wkoll rappreżentanza ġeografika aktar ibbilanċjata. L-aspett estern tal-azzjoni ECOC huwa allinjat ma' sforzi usa' tal-UE biex issaħħa il-politiki tat-tkabbir, tippromwovi d-diplomazija kulturali u trawwem ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

It-tiġdid tal-bażi legali se jsahha il-kapaċità tal-inizjattiva li tappoġġa lill-bliet b'mod aktar effettiv, se jżid il-flessibbiltà fit-tfassil tagħha u se ttejjeb il-koerenza u l-impatt tagħha fit-tul. Dan se jiżgura li l-UE tkompli jkollha rwol kostruttiv u komplementari fix-xenarju kulturali u patrimonjali.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-ewwel evalwazzjoni interim tal-azzjoni ECOC 2020-2033 turi li hija azzjoni ewlenija ta' suċċess b'kosteffettività sostanzjali għall-UE minħabba l-impatt limitat ħa fna tagħha fuq il-baġit tal-UE. Barra minn hekk, l-inizjattiva tista' tittrasforma l-bliet kandidati u l-bliet magħżula. Dan għaliex il-bliet iridu jinvolvu ruħhom fi ppjanar fit-tul u jintegraw il-kultura fil-politiki lokali tal-belt sabiex jiġu kkunsidrati għat-titlu. L-azzjoni hija konsistenti wkoll ma' inizjattivi oħra tal-UE (eż. il-programm Ewropa Kreattiva), tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-valuri tal-UE u tappoġġa l-moviment tal-professjonisti kulturali u tal-artisti Ewropej u ċ-ċirkolazzjoni tax-xoġhljiet tagħhom madwar l-UE u lil hinn minnha.

Wara 40 sena, l-azzjoni għadha mfitxija mill-bliet u minn żoni usa' li jixtiequ jiżviluppaw ruħhom permezz tal-kultura. Madankollu, biex tiġi żgurata r-rilevanza kontinwa tagħha fil-futur, huwa neċessarju li l-azzjoni tiġi aġġornata, b'kunsiderazzjoni tax-xejriet emerġenti, bħan-numru dejjem akbar ta' bliet iżgħar li jikkompetu għat-titlu.

Id-dimensjoni Ewropea: Dan huwa aspekt ewlieni tal-azzjoni ECOC (u wieħed mill-kriterji għall-għażla tad-detenturi tat-titlu), iżda ħa fna partijiet ikkonċernati spiss ma jifhmux bis-siħ. L-evalwazzjoni tirrakkomanda li l-Kummissjoni tesplora modi kif tispjega aħjar dan l-aspekt lill-partijiet ikkonċernati.

Għarfien fit-tul: Hemm network tal-bliet kandidati msejjaħ Culture Next, stabbilit fl-2017, li jinkludi bliet attwali u preċedenti, irrispettivament minn jekk ingħatawx it-titlu. Madankollu, ma hemm l-ebda network formali tal-ECOC, u għalhekk hemm ir-riskju li ma jiġix kondiviż l-għarfien bejn id-detenturi tat-titlu li jintgħażlu ġodda u daww tal-passat. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga kif għandha tippromwovi l-

kondiviżjoni tal-għarfien fil-komunità tal-ECoC biex timmassimizza l-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva, b'mod partikolari tad-dimensjoni Ewropea tagħha.

II-Komunikazzjoni: Bħalissa ma hemm l-ebda kampanja ta' komunikazzjoni fil-livell tal-UE mmexxija mill-Kummissjoni jew minn istituzzjonijiet oħra tal-UE biex tippromwovi l-bliet tal-ECoC. Dan ixekkel il-viżibbiltà u l-impatt tal-inizjattiva u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwarha. L-ECoC tista' tibbenefika minn sforzi ta' komunikazzjoni tal-UE biex jappoġġaw u jikkomplementaw il-ħidma tal-bliet detenturi tat-titlu, b'kontribut mill-Istati Membri. Il-ħatra ta' ambaxxaturi tal-ECoC, bħall-Kummissarji jew il-MPE, ukoll tista' ssaħħaħ l-inizjattiva.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-azzjoni tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura (ECoC) se toħroġ mill-programm suċċessur għall-programm Ewropa Kreattiva (attwalment il-proposta għall-programm AgoraEU), li huwa parti mill-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034.

L-azzjoni ECoC hija allinjata mal-oġġettivi tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa u tibni fuq diversi inizjattivi ta' politika ewlenin, fosthom l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura tal-Kummissjoni, il-pjanijiet ta' ħidma tal-UE għall-kultura tal-Kunsill, il-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali" u l-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali.

L-azzjoni tal-Unjoni tallinja wkoll ma' inizjattivi Ewropej bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u l-Aġenda tal-UE għall-Bliet. Hija konformi wkoll mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma ta' Marzu 2017, li fiha l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE pprevedew Unjoni "fejn iċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp kulturali u soċjali u għat-tkabbir ekonomiku [...]; Unjoni li tippreserva l-wirt kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali". Barra minn hekk, hija allinjata mat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u mal-istrateġija dwar l-ekwità interġenerazzjonali. L-azzjoni ECoC se tkun konformi wkoll mal-istrateġija Ewropea għat-turiżmu sostenibbli.

Il-bliet kandidati huma mħeġġa jesploraw il-possibbiltà, fejn applikabbli, li jfittxu appoġġ finanzjarju mill-programmi u mill-fondi tal-Unjoni, speċjalment mill-programm AgoraEU u mill-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà, li l-finanzjament tiegħu jingħata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, kif ukoll minn programmi sussegwenti.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

M/A

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ **durata limitata**

- ☒ fis-seħħ mill-01.01.2034 sal-31.12.2047
- ☒ impatt finanzjarju mill-2034 sal-2047 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2034 sal-2047 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☒ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi ddeżinjati minnhom
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Il-Kummissjoni se timplimenta l-azzjoni taħt ġestjoni diretta u tista' tiddelega partijiet minnha lil korpi ta' implimentazzjoni tal-programm.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

mhux applikabbli. Kull belt iddeżinjata twettaq l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħha stess, abbażi tal-linji gwida tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni se tirrieżamina ladarba tiġi adottata l-bażi legali.

Abbażi ta' dawk l-evalwazzjonijiet u akkumpanjati, fejn xieraq, minn proposti rilevanti, il-Kummissjoni se tippreżenta r-rapporti li ġejjin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni:

(a) rapport interim inizjali;

(b) it-tieni rapport interim;

(c) rapport ex post.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

mhux applikabbli. Il-baġit tal-azzjoni ECoC se jiġi mis-suċċessur għall-programm Ewropa Kreattiva.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-Kummissjoni tagħti u tħallas premju simboliku lil kull belt deżinjata li tkun issodisfat l-impenji li daħlet għalihom matul il-proċess tal-kandidatura u li jkollha pjan ta' legat b'dimensjoni Ewropea. Il-Premju huwa ammont fiss imħallas f'żewġ pagamenti parzjali wara diversi laqgħat ta' monitoraġġ imwettqa minn bord ta' esperti indipendenti.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

mhux applikabbli. Kull belt iddeżinjata twettaq l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħha stess, abbażi tal-linji gwida tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għandha tirrieżamina ladarba tiġi adottata l-bażi legali.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Is-servizzi rispettivi se jkomplu japplikaw l-istrateġija tagħhom kontra l-frodi — f'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS) — biex jiżguraw, fost l-oħrajn, li l-kontrolli interni tagħhom relatati mal-ġlieda kontra l-frodi jkunu allinjati bis-sħiħ mas-CAFS u li l-approċċ tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi jkun immirat lejn l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' riskju ta' frodi u l-għoti ta' risponsi adegwati. L-istrateġiji kontra l-frodi li jinsabu fis-seħħ bħalissa jippermettu lis-servizzi jindirizzaw ir-riskju ta' frodi, prinċipalment permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet, u jeskalaw il-każijiet jekk jidentifikaw frodi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Kumment: mhux applikabbli. L-azzjoni ECoC ma għandhiex fondi tagħha stess. Il-baġit tagħha għandu jiġi mis-suċċessur tal-programm Ewropa Kreattiva.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux -diff ³⁵ ..	mill-pajjiżi tal-EFTA ³⁶	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ³⁷	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
2	06 01 02 Nefqa ta' appoġġ għal "AgoraEU"	Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
2	06 03 01 Ewropa Kreattiva – Kultura	Diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

³⁵ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

³⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles.

³⁷ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għall-2028 u lil hinn huwa miżjud għal finijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji finanzjarji tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP futuri u sussegwentement jiġu ddeterminati permezz tal-proċedura baġitarja annwali. L-appropriazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

mhux applikabbli.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	2
--	-------	---

DĠ: I-EAC				Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL
				2034	2035	2036	2037	2038	2039-2047	2034-2047
		Appropriazzjonijiet operazzjonali								
Linja baġitarja 06 03 01 Ewropa Kreattiva — Kultura	Impenji	(1a)	6,45	9,45	6,45	9,7	6,45	64,55	103,05	
	Pagamenti	(2 a)	4,45	4,45	8,45	6,45	9,7	65,30	98,8	
		Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi								
Linja baġitarja		(3)							0,000	
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ EAC	Impenji	=1a+1b+3	6,45	9,45	6,45	9,7	6,45	64,55	103,05	
	Pagamenti	=2 a+2b+3	4,45	4,45	8,45	6,45	9,7	65,30	98,8	

3.2.1.2. Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern

mhux applikabbli.

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

mhux

applikabbli.

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għall-2028 u lil hinn huwa miżjud għal finijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji finanzjarji tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP futuri u sussegwentement jiġu ddeterminati permezz tal-proċedura baġitarja annwali. L-appropriazzjonijiet u l-allokkazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat (f'miljuni ta' EUR)

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI		Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2034 - 2047
		2034	2035	2036	2037	2038-2047	
	INTESTATURA 4						
Riżorsi umani		1,005	1,005	1,005	1,005	10,050	14,070
Nefqa amministrattiva oħra		0,015	0,215	0,015	0,215	1,150	1,610
Subtotal tal-INTESTATURA 4		1,020	1,220	1,020	1,220	11,200	15,680
	Barra mill-INTESTATURA 4						
Riżorsi umani		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL		1,020	1,220	1,020	1,220	11,200	15,680

3.2.3.3. Appropriazzjoni totali (f'miljuni ta' EUR)

TOTAL TAL- APPROPRJAZZJONIJIET IVVOTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN		Sena	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2034 - 2047
		2034	2035	2036	2037	2038-2047	
	INTESTATURA 4						
Riżorsi umani		1,005	1,005	1,005	1,005	10,050	14,070
Nefqa amministrattiva oħra		0,015	0,215	0,015	0,215	1,150	1,610
Subtotal tal-INTESTATURA 4		1,020	1,220	1,020	1,220	11,200	15,680
	Barra mill-INTESTATURA 4						
Riżorsi umani		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4		0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL		1,020	1,220	1,020	1,220	11,200	15,680

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għall-2028 u lil hinn huwa miżjud għal finijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Is-sors tal-finanzjament u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impenji finanzjarji tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028–2034 u

sussegwentement jiġu ddeterminati permezz tal-proċedura baġitarja annwali. L-appropriazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit invvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)

APPROPRJAZZJONIJIET INVUTATI		Sena 2034	Sena 2035	Sena 2036	Sena 2037	Sena 2038	Sena 2039-2047
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		3	3	3	3	3	3
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0	0	0
• Persunal estern (FTEs)							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)		4	4	4	4	4	4
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4		0	0	0	0	0	0
TOTAL		7	7	7	7	7	7

3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern

mhux applikabbli.

3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET INVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN		Sena 2034	Sena 2035	Sena 2036	Sena 2037	Sena 2038	Sena 2039-2047
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		3	3	3	3	3	3
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0	0	0
• Persunal estern (FTEs)							
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)		4	4	4	4	4	4
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0
Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0

Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4	0	0	0	0	0	0
TOTAL	7	7	7	7	7	7

[Considering the overall strained situation in Heading 4, in terms of both staffing and the level of appropriations, the human resources required will be met by staff from the DG who are already assigned to the management of the action and/or have been redeployed within the DG or other Commission services.]

Il-persunal meħtieġ għall-implementazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 4 jew mir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	3		M/A	
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	4			

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	Jiżguraw il-koerenza ġenerali tal-azzjoni u jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-ECOC deżinjata; Jiżguraw il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-bord; Jiżguraw is-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-bord; Jiżguraw is-superviżjoni tal-kompetizzjonijiet fl-Istati Membri; Jikkoordinaw il-kompetizzjonijiet fil-pajjiżi terzi.
Persunal estern	Jistabbilixxi linji gwida biex jassisti fil-proċeduri tal-għażla u tal-monitoraġġ – inkluż fir-rigward tad-dimensjoni Ewropea – f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bord; Jipprovdi appoġġ tekniku lill-bord; Jippubblika r-rapporti kollha tal-bord fuq is-sit web tiegħu; Jagħmel l-informazzjoni rilevanti kollha pubblika u jikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-azzjoni fil-livell Ewropew u f'dak internazzjonali; Irawwem l-iskambju tal-esperjenza u tal-prattiki tajbin bejn il-bliet li kellhom, li għandhom u li se jkollhom it-titlu, kif ukoll il-bliet kandidati, u jippromwovi tixrid usa'

	tar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-bliet u tat-tagħlimiet meħuda. Jipprovdi appoġġ lill-bliet biex iħejju l-applikazzjonijiet tagħhom, jimplimentaw il-programmi tagħhom u jibnu fuq l-esperjenza tagħhom bħala ECoC, inkluż billi jintegraw dik l-esperjenza fl-ippjanar urban u tal-politika fit-tul, kemm jekk ikunu ngħataw it-titlu kif ukoll jekk le; Jiżviluppa attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati biex isaħħaħ il-viżibbiltà u l-firxa tal-azzjoni ECoC fl-Ewropa u lil hinn minnha; Jipprovdi informazzjoni dwar il-fondi Ewropej eżistenti għall-iżvilupp ta' proġetti mill-bliet, inkluż permezz ta' mentoraġġ u taħriġ.
--	---

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali mhux applikabbli.*

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva hija konsistenti mal-proposta għall-QFP 2028–2034.

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. *Impatt stmat fuq id-dħul*

- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq dħul ieħor
- ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³⁸			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027

³⁸ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-naqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Artikolu					
----------------	--	--	--	--	--

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

mhux applikabbli.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

mhux applikabbli.

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Requirement 1 (R1):

Kif iddikjarat fl-Artikolu 16(2)(a) tal-proposta, “[...] tagħmel l-informazzjoni rilevanti kollha pubblika u tikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-azzjoni fil-livell Ewropew u f’dak internazzjonali”. L-atturi affettwati jew ikkonċernati minn dan ir-rekwiżit huma l-Kummissjoni Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali u l-benefiċjarji. Il-proċess ta’ livell għoli affettwat huwa t-“tixrid”.

4.2. Data

Id-data pprovduta tirrigwarda l-informazzjoni, l-aħbarijiet u r-riżultati tal-azzjoni ECoC u tiġi minn rapporti pubbliċi jew mill-formoli tal-applikazzjoni tal-bliet.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Is-soluzzjoni diġitali prevista hija pjattaforma għat-tixrid, f’konformità mal-Artikolu 16 tal-proposta. Il-funzjonijiet ewlenin tal-pjattaforma skont il-mandat tagħha huma t-tixrid tal-informazzjoni, tal-aħbarijiet u tar-riżultati tal-azzjoni. Il-korpi ta’ ġestjoni se jkunu l-Kummissjoni Ewropea u korpi possibbli ta’ implimentazzjoni tal-programm.

L-aċċessibbiltà se tiġi indirizzata u l-użu mill-ġdid se jiġi kkunsidrat f’konformità mal-istandards tal-Kummissjoni. Il-pjattaforma se tiegħu vantaġġ mill-użu tal-intelliġenza artifiċjali, jekk applikabbli, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta’ prekawzjoni.

Jekk il-pjattaforma tisfrutta l-IA, il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura l-konformità mal-Att dwar l-IA.

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura s-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta’ dan ir-Regolament.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

mhux applikabbli.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

mhux applikabbli.